MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Numru. 167/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonovitch Muscat]**

**vs**

**Sharon Faenza**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sharon Faenza detentrici tal-karta tal-identita` numru 392386(M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 t' April 2007 jew fil-jiem ta' qabel,

a. irrendiet ruhha komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

b. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi weghdet, tat jew offriet, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg

mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iggieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), u 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputata ghall-akkuzi kif dedotti kontriha, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha, u stante li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante li l-fedina penali tal-istess hija wahda netta u stante li l-Qorti hi sodisfatta illi l-imputata ma kellhiex rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputata Sharon Faenza hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet, qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------